# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR.LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D.,M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 2 ta' Mejju 2017**

**Kawza Numru: 13**
**Rikors Guramentat Numru:64/2017/LSO**

**The Malta Hospice Movement (VO/0062):**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti The Malta Hospice Movement (VO/0062) datat 20 ta' Jannar 2017 fejn bir-rispett Maria Gatt, detentrici tal-karta tal-identita' Maltija

bin-numru 0106758(M), fil-kapacita' taghha bhala Chairperson tar-rikorrenti The Malta Hospice Movement u kif debitament awtorizzata mill-istess rikorrenti, bil-gurament taghha kkonfermat illi hi taf bis-segwenti fatti personalment:

Illi r-rikorrenti wirtet il-propjeta' bin-numri mija u sebgha (107) u mija u disgha (109) - gja l-fond bin-numru tnax (12) - illi tinsab f'Carini Street, Santa Venera, u dan b'titolu ta' prelegat minghand Jean-Francois Toncic-Grancher (ID. 11291 A), u dan kif debitament jirrizulta mit-testment fl-Atti tan-Nutar Dr Michael A. Dingli, datat is-sbatax (17) ta' Awwissu 2011 (kopja awtentikata annessa u mmarkata bhala DokA);

Illi l-imsemmi Jean-Francois Toncic-Grancher kien min-naha tieghu akkwista l-fond su-riferit minghand Paul Busuttil (ID. 426040M) permezz ta' kuntratt pubbliku datat is-sitta (6) ta' Dicembru 1988, fl-Atti tan-Nutar Dr Patrick Critien (kopja awtentikata annessa u mmarkata bhala Dok B);

Illi l-imsemmi Jean-Francois Toncic-Grancher, cittadin Franciz u li twieled il-Belgrad, Yugoslavia fl-ghaxra (10) ta' Marzu 1938 (Att tat-Twelid anness u mmarkat bhala Dok C), miet f' Malta fis-sbatax (17) ta' Novembru 2015 kif jirrizulta mill-Att tal-Mewt relattiv (Numru 11/2016) anness u mmarkat bhala Dok D;

Illi fl-Att tal-Mewt fuq imsemmi Numru 11/2016 l-istess Jean-Francois Toncic-Grancher gie erronjament indikat bhala *'Jean Francois Grancher',* b'dan illi l-kunjom indikat fuq l-Att tal-Mewt ma jirriflettix dak il-kunjom indikat kemm fl-Att tat-Twelid su-riferit, u kif ukoll fuq dokumentazzjoni ufficjali ohra bbazata fuq l-istess (kopja tal-karta tal-identita' Franciza Numru 0410MLA00001 u tal-*Carte D'lmmatriculation Consulaire* relattivi ghall-imsemmi Jean-Francois Toncic-Grancher hawn annessi u rispettivament immarkati bhala Dok. E u Dok. F);

Illi hekk ukoll fl-Att tal-Mewt su-riferit Numru 11/2016 jissussistu zbalji in kwantu d-dettalji relattivi ghall-genituri tad-*decujusu* senjatament illi:

a. Gie ndikat *'Luisen Grancher'* bhala missier l-imsemmi *decujus* meta l-paternita' tal-istess Jean-Francois Toncic-Grancher mhix maghrufa;

b. L-isem ta' omm Jean-Francois Toncic-Grancher gie erronjament indikat bhala *'Alice'* minflok 'Andree Alice Grancher' kif jirrizulta mill-Att tat-Twelid fuq imsemmi mahrug mill-Awtoritajiet Francizi;

Illi d-diskrepanzi u l-izbalji su-riferiti kif jirrizultaw mill-Att tal-Mewt Numru 11/2016 relattivi ghall-imsemmi Jean-Francois Toncic-Grancher, qeghdin iservu bhala ostakolu ghat-trasferiment da part tar-rikorrenti tal-propjeta' illi hija wirtet minghand l-istess Jean-Francois Toncic-Grancher kif

fuq premess, ossia l-fond bin-numru 107 u 109, f'Carini Street, Santa Venera;

Illi l-bejgh tal-istess proprjeta` hija indispensabbli ghal organizazzjoni volontarja (NGO) bhal dik rikorrenti peress illi l-fondi/rikavat sejrin imorru appuntu sabiex hija tkompli tirrendi servizz fil-komunita'.

Illi ghalhekk ir-rikorrenti tixtieq tipprevalixxi ruhha mid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 253 *et seq* tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex isiru d-debiti korrezzjonijiet fl-Att tal-Mewt Numru 11/2016 relattiv ghal Jean-Francois Toncic-Grancher.

Ghaldaqstant *in vista* tas-suepost ir-rikorrenti bir-rispett titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prejva kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna, inkluz billi tordna l-opportuna pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta'Malta:

1. Tordna lill-intimat jaghmel id-debiti korrezzjonijiet fl-imsemmi Att tal-Mewt ta' Jean-Francois Toncic-Grancher, liema Att igib in-numru tal-iskrizzjoni hdax tas-sena 2016 (11/2016), fis-sens illi kull fejn jidher l-isem *"Jean Francois Grancher',* dan jigi mhassar u minflok jitnizzel l-isem *"Jean-Francois Toncic-Grancher".*

2. Tordna lill-intimat jaghmel id-debiti korrezzjonijiet fl-imsemmi Att tal-Mewt ta' Jean-Francois Toncic-Grancher, liema Att igib in-numru tal-iskrizzjoni hdax tas-sena 2016

(11/2016), fis-sens illi kull fejn jidher l-isem *"Luisen Grancher",* dan jigi mhassar u minflok jigi ndikat missier l-imsemmi Jean-Francois Toncic-Grancher bhala *"unknown"* jew *"mhux maghruf.*

3. Tordna lill-intimat jaghmel id-debiti korrezzjonijiet fl-imsemmi Att tal-Mewt ta' Jean-Francois Toncic-Grancher, liema Att igib in-numru tal-iskrizzjoni hdax tas-sena 2016 (11/2016), fis-sens illi kull fejn jidher l-isem *"Alice",* dan jigi mhassar u minflok jitnizzel l-isem *"Andree Alice Grancher".*

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-23 ta' Frar 2017.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 17 ta' Frar 2017 (fol 25) fejn Dr Byron Camilleri ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess Direttur bil-gurament tieghu ddikjara u kkonferma :-

1. Illi preliminarjament l-esponent jirrileva li l-Avukat Generali ma giex notifikat skont kif jipprovdi l-Artikolu 181B (3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Isegwi ghalhekk illi t-termini ghall-prezentata tar-risposta ghadu ma bediex jiddekori.

2. Illi fil-mertu tal-kaz odjern, l-esponent jiddikjara li mhux edott mill-fatti. Minkejja dan, minghajr pregudizzju ghas-

suespost, l-esponent ma jsibx oggezzjoni ghal korrezzjoni fl-Att tal-Mewt bin-numru 11/2016 skont kif mitlub mill-entita' rikorrenti fir-rikors guramentat;

3. Illi l-esponenti jeccepixxi illi l-azzjoni tal-entita' attrici m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u dan *stante* li l-informazzjoni fl-att tal-mewt giet inserita skont ma ddikjarat il-persuna illi ghamlet tali notifika tal-mewt. L-esponent jirrileva li jirrizulta li d-dikjarant fuq l-Att tal-Mewt in kwistjoni kien Joe Azzopardi, detentur tal-Karta tal-Identita' 493157M, hekk kif indikat fid-dokument anness ma' din ir-risposta guramentata u mmarkata bhala 'Dok A'. Dan Joe Azzopardi, bhala dikjarant, kien obbligat li jivverifika li l-informazzjoni li ddikjara u iffirma ghaliha quddiem l-ufficjal pubbliku kienet korretta. *In vista* ta' dan l-esponent ma ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjui

Bl-ispejjez kontra l-entita` attrici li qieghda tigi ingunta in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta 4 ta’ April 2017 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Prezenti Maria Gatt in rapprezentanza tal-Malta Hospice Movement. Dr Ian Spiteri Bailey prezenta nota b'dokumenti u ghadda kopja tal-istess lid-difensur tal-kontro-parti, u ddikjara li m'ghandux provi ulterjuri. Dr Ellul iddikjarat li *in visto* tad-dokumenti prezentati irrimettiet ruhha ghall-gudizzju ta' din

il-Qorti. Ghal kull *buon fini* Dr Ellul iddikjarat li taccetta l-awtenticita` tad-dokumenti esebiti. Dr Spiteri Bailey irrinunzja ghat-talba tieghu dwar il-kap tal-ispejjez. Id-difensuri tal-partijiet ghaldaqstant qablu li l-kawza tista' tibqa' ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-2 ta' Mejju 2017 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodici Civili** li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta saret debitament fit-23 ta' Jannar 2017 (fol 22).

Illi s-socjeta` rikorrenti qed titlob li l-isem ta' "Jean Francois Grancher" kif registrat fl-att tal-mewt tieghu jigi korrett, billi l-isem "Jean Francois Grancher" jigi sostitwit bl-isem "Jean-Francois Toncic-Grancher". Illi qed jintalab li jigi korrett l-istess att tal-mewt, fis-sens, li taht, l-intestatura, "Isem u Kunjom il-genituri" minflok "Luisen Grancher" jitnizzel, "*unknown* " jew "mhux maghruf", u minflok l-isem "Alice" dan ghandu jigi sostitwit bl-isem "Andree Alice Grancher".

Ikkonsidrat li l-intimat ma oggezzjonax ghat-talba kif dedotta, ghal dak li jikkoncerna l-mertu ta' din il-kawza.

Illi s-socjeta` rikorrenti spjegat fir-rikors promotur, li hi werrieta ta' proprjeta` numru mija u sebgha (107), mija u disgha (109), gja l-fond numru tnax (12) Carini Street, Santa Venera, b'titolu ta' prelegat minghand Jean-Francois Toncic-Grancher, hekk kif jirrizulta minn testment datat 17 ta' Awwissu 2011 esebit bhala Dok A (fol 6-7). Illi minhabba d-diskrepanzi msemmija fl-att tal-mewt ta' Jean Francois Grancher, gew riskontrati diffikultajiet ghall-bejgh/jew trasferiment tal-proprjeta` msemmija.

Illi kkonsidrat li mill-atti esebiti mar-rikors promotur, rigward id-defunt Jean-Francois Toncic-Grancher, jirrizulta li fl-att tat-twelid Franciz tieghu, Dok C (fol 11) u fil-kopja tal-karta tal-identita` Franciza, Dok E (fol 13) u f'kopja tal-Carte D'immatriculation Consulaire, Dok F (fol 14) huwa mnizzel bhala "Jean-Francois Toncic-Grancher".

Illi *in vista* ta' dak eccepit mill-istess Direttur intimat, li m'hemmx oggezzjoni ghat-talba odjerna fil-mertu, tqis li t-talba tar-rikorrent hija gustifikata kif trid il-Ligi. Izda, taqbel ma' dak eccepit mid-Direttur intimat, li ma jirrizultax li sar zball da parti tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, *stante* li dak imnizzel fl-att tal-mewt huwa skont dak dikjarat mid-dikjarant li ghamel in-notifika tal-mewt, hekk kif jirrizulta minnn Dok A esebit mar-risposta (fol 27).

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u tordna li jsiru d-debiti korrezzjonijiet fl-att tal-mewt numru hdax tas-sena 2016 (11/2016) fis-sens li l-isem li jidher hemm "Jean Francois Grancher" ghandu jigi sostitwit bl-isem "Jean-Francois Toncic-Grancher". Tilqa' wkoll it-tieni u t-tielet talba u tordna li jsiru d-debiti korrezzjonijiet fl-istess att tal-mewt taht l-intestatura "Isem u kunjom il-genituri" billi fejn jidher l-isem "Luisen Grancher" dan jigi sostitwit b' "*father unknown*" jew "missier mhux maghruf", u fejn hemm l-isem "Alice" dan ghandu jigi sostitwit bl-isem "Andree Alice Grancher".

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**.

**L-ispejjez jithallsu mis-socjeta rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**2 ta' Mejju 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**2 ta' Mejju2017**